DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 165/2007

tas-7 ta' Diċembru 2007

li temenda l-Anness XIII (It-Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 145/2007 tat-26 ta' Ottubru 2007 [1].

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 93/2007 tat-30 ta' Jannar 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabilixxi Kumitat dwar is-Sigurtà ta' l-Ibħra u l-Prevenzjoni mit-Tniġġis mill-Bastimenti (COSS) [2] għandu jiġi inkorporat f'dan il-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej se jiġi miżjud f'punt 56n (ir-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) ta' l-Anness XIII tal-Ftehim:

"— **32007 R 0093**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 93/2007 tat-30 ta' Jannar 2007 (ĠU L 22, 31.1.2007, p. 12)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 93/2007 fil-lingwa Iżlandiża u l-lingwa Norveġiża, li se jiġu pubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, se jkunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta' Diċembru 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE [*].

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni se tkun ippublikata fis-Sezzjoni u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Diċembru 2007.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE
Il-President
Stefán Haukur JÓHANNESSON

---

[1] ĠU L 100, 10.4.2008, p. 89.
[2] ĠU L 22, 31.1.2007, p. 12.
[*] Ebda obbligi kostituzzjonali m'huma indikati.